DEED POLL

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Guramentat Numru : 232/2019/LSO**

**Av. Rodianne Sciberras (K.I. 0376688M) bhala mandatarja specjali ta' Jason Leonard Jones illum Jason Leonard Axon-Jones**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr Rodianne Sciberras ghan-nom ta' Jason Leonard Jones illum Jason Leonard Axon-Jones (Id. 376688M) datat 5 ta' Marzu 2019 fejn bil-gurament taghha kkonfermat:-

Illi l-esponenti hlja mandatarja specjali ta' Jason Leonard Axon-Jones u dan skont l-annessa prokura datata 22 t'Ottubru 2018 (Dok A);

Illi r-rikorrent twieled gewwa r-Renju Unit nhar it-12 ta' Lulju 1982 u inghata l-isem ta' "Jason Jones" u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu anness u mmarkat Dok B1 u B2 rispettivament;

Illi jirrizulta li fis-6 ta' Frar 2009, l-esponent ottjena c-cittadinanza Maltija u dan kif jirrizulta minn Dok C hawn anness;

Illi sussegwentemnet fit-30 ta' Gunju 2012 huwa zzewweg lil Camilla Shalani Axon u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok Dl u D2 annessi;

Illi jirrizulta li wara z-zwieg, u cioe` fil-31 ta' Lulju 2012, b'*deed poll*, ir-rikorrent assuma kunjom martu ukoll b'dana illi huwa sar "Jason Leonard Axon-Jones" (Dok E anness, liema qed jigi prezentat *animo ritirandi*); liema *deed poll* huwa regolat b'mod legali mir-Renju Unit u minn dak iz-

zmien sal-lum kien dejjem u kostantament maghrufa b'dan l-isem;

Illi minn dakinhar 'l hemm l-attur qatt ma rega' uza l-isem precedenti u dejjem uza ismu bhala 'Jason Leonard Axon-Jones;

Illi kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi, li jinkludu kopja tal-passaport tal-esponent mmarkata Dok F, *bank statements* tal-esponent immarkat Dok G u anke ittra mibghuta lilu minn HM Revenue & Customs immarkata Dok H u anke kont tas-servizzi installati fil-fond tieghu mmarkat Dok I, l-esponent ilu mis-sena 2012 maghruf bhala Jason Leonard Axon-Jones;

Illi madanakollu, meta recentement l-esponent prova japplika ghall-passaport Malti, l-ufficcju tal-passaporti infurmawh li *stante* li l-att tat-twelid tieghu gewwa Malta, ghadu jaqra “Jason Leonard Jones", huma ma setghux johorgulu passaport bl-isem "Jason Leonard Axon-Jones', u dan minkejja li ormai ilu snin maghruf b'dan il-mod;

Illi huwa evidenti illi c-certifikat tat-twelid u taz-zwieg mahruga mir-Registru Pubbliku ta' Malta m'humiex qed jirriflettu u jirrispettaw il-ligijiet tal-*private international law* fejn wiehed ghandu jaderixxı u jırrispetta fil-principju ta' 'mutual recognition' atti ufficjali minn pajjiz iehor;

Illi ghalhekk ir-rikorrent jixtieq jirregola l-pozizzjoni tieghu b'dan illi jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikat tat-twelid

u taz-zwieg tieghu sabiex dawn jirriflettu r-realta' tal-fatti u ma tkomplix tigi krejata konfuzjoni;

Illi din it-talba qed issir *ai termini* tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara li l-isem korrett tar-rikorrenti huwa "Jason Leonard Axon-Jones";

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid u taz-zwieg tar-rikorrenti, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid, taz-zwieg u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex ismu jigi indikat u jkun maghruf bhala "Jason Leonard Axon-Jones", kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet f'isem ir-rikorrenti kull fejn jirrizulta u jkun hemm il-htiega.

Bl-ispejjez kontra d-direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta' Mejju 2019.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 11 ta' April 2019 (fol 27) fejn l-Avukat Neil

Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur iddikjara u kkonferma s-segwenti:

1. Illi l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi r-registrazzjoni tal-att tat-twelid Malti tal-attur, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', saret skont l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan l-istadju l-esponent jissottometti illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku rregistra l-informazzjoni skont l-att tat-twelid esteru li gie pprovdut lilu, liema dokument flimkien mal-applikazzjoni ghar-registrazzjoni jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 2' u 'Dok. DRP 3';

3. Illi l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att ta' Twelid tal-attur, mahrug mill-konvenut, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

4. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jissottolineja li minkejja li d-*deed polls* ma humiex regolati fil-ligi nostrana, l-esponent ser jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi.

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Gimgha, 17 ta' Mejju 2019 fejn Dr Joel Callejja ddikjara li m'ghandux provi u rrimetta ruhu ghall-Qorti kemm-il darba tkun sodisfatta li ngabru provi sodisfacenti biex tigi sodisfatta t-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET:

Illi din hija kawza istitwita *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret debitament fis-7 ta' Marzu 2019 (fol 23).

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Dr. Rodianne Sciberras hija mandatarja specjali ta' Jason Leonard Axon-Jones kif jirrizulta minn Dok A esebit mar-rikors. Ir-rikorrent twieled fir-Renju Unit bl-isem Jason Jones, kif jidher mill-att tat-twelid tieghu anness Dok B1 u Dok B2. Sussegwentement, fis-6 ta' Frar 2009, hu ottjena c-cittadinanza Maltija kif jirrizulta minn Dok C. In segwitu, fit-30 ta' Gunju 2012, hu zzewweg lil Camilla Shalani Axon kif

jidher mill-att taz-zwieg immarkat Dok D1 u D2. Illi wara z-zwieg hu assuma kunjom martu billi permezz tad-*deedpoll*, esebit bhala Dok E datat 31 ta' Lulju 2012, b'hekk ismu sar "Jason Leonard Axon-Jones".

**Provi**

**Jason Axon-Jones** xehed permezz ta' affidavit (fol 36) qal li qabel iz-zwieg tieghu ma' Camilla hu kien maghruf bhala Jason Leonard Jones, izda wara z-zwieg riedu jghaqqdu l-kunjomijiet taghhom, biex b'hekk saru Axon-Jones. Qal li fil-passaport Ingliz hu maghruf b'dan il-kunjom, kif ukoll fid-dokumenti bankarji u fir-*records* medici. Semma li fl-2018 hu u martu kellhom tifla u kunjomha huwa indikat bhala "Axon-Jones".

**Camilla Axon-Jones** xehdet permezz ta' affidavit (fol 37) qalet li hi u r-ragel taghha zzewgu fit-30 ta' Gunju 2012, u wara z-zwieg biddlu kunjomhom permezz ta' *deedpoll*, sabiex ikollhom l-istess kunjom "Axon-Jones" u anke binthom giet registrata b'dan il-kunjom.

Illi c-certifikat tat-twelid inhareg mir-Registru Pubbliku f'Malta *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi:

*"**244**.(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtentiticita` ta'*

*dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

**Dritt:**

Ikkonsidrat li r-rikorrent izzewweg qabel li dahal fis-sehh l-**Att XXIII tal-2017 li jemenda l-Att taz-Zwieg u ligijiet ohra (inkluz il-Kodici Civili ta' Malta - Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).** Bis-sahha ta' dana l-Att koppji li zzewgu wara li jkun dahal fis-sehh jistghu *inter alia*, jaghzlu li ghat-tnejn li huma, jiehdu kunjom ta' xi wiehed minnhom jew jiehdu l-kunjomijiet taz-zewg partijiet fl-ordni li jaghzlu huma (**Art.4(13)tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan il-kunjom huwa rikonoxxut bhala l-Isem tal-Familja anke ghat-tfal tal-koppja mizzewga.(**Art.4(14)).** Madanakollu l-legislatur iddispona tassativament li dawn l-emmendi japplikaw biss ghal dawk iz-zwigijiet iccelebrati wara d-dhul fis-sehh tal-Att (**Art.4(15)).** Ghaldaqstant dawn l-ammendi mhumiex applikabbli ghall-kaz in ezami.

Bhala regola generali, l-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-ligi (*vide* **Artikolu 4(3) tal-Kap 16**, **Artikolu 92 u 292A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**). Huma dawn id-disposizzjonijiet li japplikaw ghal dan il-kaz fejn fl-ebda wiehed minnhom hemm ikkontemplat li r-ragel

fiz-zwieg jiehu kunjom martu jew izid kunjomha ma' tieghu.[1]

Illi min-naha l-ohra huwa minnu wkoll li l-qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghal bidliet tal-istat civili.[2]

Inoltre, fil-kaz odjern, r-rikorrent qed jtibbaza t-talba tieghu fuq *deed poll* maghmul fir-Renju Unit, fejn twieled u fejn ukoll iccelebra z-zwieg tieghu fit-20 ta' Gunju 2012. Id-*Deed Poll* huwa datat il-31 ta' Lulju 2012.

Illi dwar ir-rikonoxximent tad-"*deed poll",* f'kaz simili ghal dak taht ezami, **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, gie ribadit hekk mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2011:

*"illi ghal dak illi jirrigwarda d-"deed poll", ghalkemm din mhijiex debitament awtentika il-Qorti tara illi gie ppruvat illi l-Awtoritajiet Inglizi imxew fuq din id-"deed poll" u hargu l-passaport tal-attur b'kunjom missieru u ghal din il-fini giet esebita fotokopja tal-passaport Ingliz mahrug f'isem l-attur..bil-kunjom Mallia mill-Awtoritajiet Inglizi."*

F' dak il-kaz il-Qorti tal-Appell kompliet:

---

[1] Ara **Damien Damien Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, **John Zammit noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, PA deciza fit-2 ta' Marzu 1994

[2] Ara **Jason Paul Grixti vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, PA (JRM) – 24 ta' Ottubru 2002; **Leonard Ellul Mercer et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) – 21 ta' Marzu 2002, **u J. Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, Appell Civili deciz fit-2 ta' Marzu 1994.

*"Din il-Qorti mhux sodisfatta bil-prova li saret. Ma gietx esebita kopja ufficjali ta' dan l-hekk imsejjah "deed poll", u lanqas prova tar-registrazzjoni taghha mal-awtoritajiet Inglizi………..Il-fatt li l-awtoritajiet Inglizi hargu l-passaport fuq l-attur bil-kunjom Mallia ma jistax jitqies prova ta' aktar minn dan."*

*"Fuq kollox, dan il-kaz kien jirrikjedi li tigi pprezentata kopja ufficjali tad-"deed poll" u tar-registrazzjoni taghha, u xhieda tal-effetti ta' dik l-istqarrija taht il-ligi Ingliza. Din il-Qorti ma gietx infurmata jekk b'rizultat ta' dak id-"deed poll" saritx xi annotazzjoni fuq ic-certifikat tat-twelid Ingliz tal-attur, ma saritx 'proof of foreign law', f'dan il-kaz tal-ligi Ingliza, dwar il-validita` u l-effetti ta' dik id-deed poll. Dik il-prova kienet tispetta lill-attur, u skont principji ta' dritt internazzjonali privat, jekk ma ssirx tali prova, il-prezunzjoni hi li l-ligi estera hi simili ghal dik Maltija. Fil-fatt fil-kawza* ***Saliba vs Lawson****, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar 1932, intqal li:*
*'chi invoca in un giudizio l'applicazione di una legge straniera assume l'onore della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella legge;mancando tale prova, e` da applicare la legge locale.'*

*"Taht il-ligi Maltija wiehed ma jistax jirrinunzja ghall-kunjom u jadotta iehor, u kwindi, taht il-ligi Maltija, dak id-"deed poll" jitqies null. Kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li taht il-*

*ligi Ingliza dak id-dokument hu validu u ghandu l-effetti li jippretendi."*

Il-Qorti mbaghad ikkonkludiet:

*"Ghalkemm ma hemmx zball fis-sens tal-ligi, din il-Qorti kienet tkun disposta li tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-att tat-twelid tal-attur biex jigi indikat li hu maghruf bil-kunjom 'Mallia', kieku saret il-prova fuq indikata u gie muri bic-car li saret xi forma ta' registrazzjoni tal-bidla fuq ic-certifikat Ingliz, pero`, fin-nuqqas ta' din il-prova, din il-Qorti ma setghetx taqbel mat-talbiet tal-attur."*

(Ara wkoll f'dan is-sens **Damian Jean Carlo Vincent Borg** ***sive*** **Damian Pandolfino v Direttur Registru Pubbliku** deciza minn din il-Qorti kif hekk presjeduta fis-16 ta' Lulju 2015).

Ghalhekk, mill-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, jirrizulta li biex jirnexxi u l-Qorti tkun tista' tirrikonoxxi *deed poll* f'pajjiz esteru, trid issir il-prova mir-rikorrent li sar id-*deed poll,* hu validu *stante* li tingieb prova tal-effetti tieghu skont il-lgi tal-pajjiz koncernat, u li saret xi forma ta' registrazzjoni.

**Applikazzjoni ghall-kaz in ezami:**

Fil-kaz odjern, jirrizulta li r-rikorrent, permezz ta' *deed poll* registrat fir-Renju Unit datat 31 ta' Lulju 2012, biddel kunjomu minn Jones ghal "Axon-Jones".

Illi gie esebit id-*deedpoll* originali, Dok E (fol 10). Illi jirrizulta wkoll, li d-*deedpoll*, gie segwit mill-hrug ta' passaport fir-Renju Unit bil-kunjom "Axon-Jones" (Dok F- fol 11). Inoltre`, gew esebiti, Dok G , H, u I dokumenti ufficjali, fejn hu indikat bil-kunjom "Axon-Jones."

Ikkunsidrat, li l-provi prodotti jissodisfaw ir-rekwiziti legali ghar-rikonoxximent tad-"*deedpoll*" fir-Renju Unit.

Ikkunsidrat ukoll, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' dan il-kaz.

Ikkonsidrat ukoll li r-rikorrent hu cittadin Malti u skont l-artikolu 257 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (b'ammenda introdotta permezz tal-Att XXIII tas-sena 2017) li taghti lil cittadini Maltin d-dritt li japplikaw lill-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili sabiex isiru l-annotazzjonijiet mehtiega *"fejn ir-registrazzjoni ta' persuna bhala cittadin ta' Malta ssir jew tkun se ssir abbazi tal-isem, u jew il-kunjom li jkunu jidhru fl-att tat-twelid ta' dik il-persuna u din ir-registrazzjoni tkun tista' taghti lok ghal holqien ta' identita` doppja jew nuqqas ta' kjarezza dwar l-identita` ta' dik il-persuna peress illi dik il-persuna ma tkunx ghadha registrata b'dak l-isem u, jew il-kunjom fl-atti ufficjali ta' pajjiz iehor."*

Illi dan premess, din il-Qorti taqbel ma' dak eccepit li r-registrazzjoni saret skont l-**artikolu 244 tal-Kap 16**. Ghalhekk, ma sarx zball da parti tal-intimat, kwindi d-

Direttur intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

Referibbilment ghat-tielet talba, ladarba l-atti mhumiex indikati bin-numru u s-sena relattiva, mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi,** billi anke fit-termini tal-**artikolu 257 tal-Kodici Civili** tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li isem ir-rikorrent huwa konsistentment maghruf bhala "Jason Leonard Axon-Jones".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tar-rikorrent kif registrat f'Malta bin-numru 7324 tas-sena 2017, u fl-att taz-zwieg numru 3730 tas-sena 2018, sabiex ismu jigi indikat u jkun maghruf bhala "Jason Leonard Axon-Jones".

Din il-Qorti tordna li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, l-annotazzjonijiet hawn fuq ordnati jsiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li

tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll referenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

Tawtorizza lir-rikorrent sabiex jirtira l-originali tad-*deed poll* esebit in atti.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**09 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**09 ta' Lulju 2019**